Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Frar 2022
(OR. en)

5663/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0413 (NLE)**

PECHE 24

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/…**

**ta'…**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... [1+], l-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (il-'Konvenzjoni'), li stabbiliet il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC).

(2) L-NPFC hija responsabbli mill-adozzjoni tal-miżuri għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni fiż-żona biex jinkisbu l-objettivi tal-Konvenzjoni. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... Frar 2022 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (ĠU L ,, p.).

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 12617/21 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta’ dik id-Deċiżjoni fin-nota f’qiegħ il-paġna.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tieħu miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, telimina gradwalment l-iskartar, u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv, għall-evitar u t-tnaqqis, sa fejn hu possibbli, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u sabiex is-sajd ikollu impatt żgħir fuq l-ekosistema tal-baħar u fuq ir-riżorsi tas-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi b'mod speċifiku li dawk l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twettiq tar-relazzjonijiet esterni tagħha fir-rigward tas-sajd.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2016 intitolata 'Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna', u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2017 bl-istess titolu, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom huwa fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawk il-fora.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Jannar 2018 intitolata 'Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari' tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll biex jitnaqqas it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu tas-sajd fil-baħar.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan l-NPFC għall-perijodu 2022-2027, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tal-NPFC ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u kapaċi li deċiżivament jinfluwenzaw il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni jiġifieri r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[1] u (KE) Nru 1224/2009[2] u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

3 Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

(7) Fid-dawl tan-natura li dejjem qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona li għaliha tapplika l-Konvenzjoni, kif definit fl-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ('iż-żona tal-Konvenzjoni')u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew waqt il-laqgħat tal-NPFC, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea , għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena għall-perijodu 2022-2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC) hija stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-NPFC għandha titwettaq f'konformità mal-Anness II.

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mil-laqgħa annwali tal-NPFC fl-2028.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni
fi ħdan il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana

1. IL-PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC), l-Unjoni għandha:

(a) taġixxi skont l-objettivi u l-prinċipji segwiti mill-Unjoni permezz tal-politika komuni tas-sajd , b'mod partikolari permezz tal-approċċ prekawzjonarju u tal-miri marbutin mar-rendiment massimu sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex tevita u tnaqqas, kemm jista' jkun, il-qabdiet mhux mixtieqa u bil-mod il-mod telimina l-qbid skartat, u biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq il-ħabitats tagħhom u biex tipprovdi standard ġust tal-għajxien għal dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li tqis ukoll l-interessi tal-konsumaturi billi tippromwovi sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv fil-livell tal-Unjoni;

(b) taħdem lejn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' preparazzjoni għal miżuri tal-NPFC u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan l-NPFC huma f'konformità mal-objettivi tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (il-'Konvenzjoni')-;

(c) tiżgura li l-miżuri adottati fl-NPFC ikunu konsistenti mal-liġi internazzjonali, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Ħażniet ta' Ħut li Jpassi f'Żona Limitata (straddling) u Ħażniet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (highly migratory) tal-4 ta' Diċembru 1995, tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura ("FAO") biex jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f'ibħra internazzjonali tal-24 ta' Novembru 1993 u tal-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port tat-22 ta' Novembru 2009;

(d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiċi għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess żona;

(e) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika tal-Unjoni dwar ir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(f) tiżgura li jitħarsu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni;

(g) tosserva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd;

(h) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan iż-żona li għaliha tapplika l-Konvenzjoni, kif definit fl-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni (iż-'żona tal-Konvenzjoni'), abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;

(i) tosserva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 dwar il-komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2016 intitolata 'Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna' u tippromwovi miżuri biex jappoġġjaw u jtejbu l-effettività tan-NPFC u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza u l-prestazzjoni tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tax-xjenza, il-konformità, it-trasparenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet;

(j) tippromwovi, fejn xieraq, il-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, skont il-mandati tagħhom;

(k) tippromwovi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost l-RFMOs mhux tat-tonn simili għall-proċess Kobe għall-RFMOs tat-tonn.

2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġa l-adozzjoni min-NPFC tal-azzjonijiet li ġejjin:

(a) miżuri għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, inkluż il-qabdiet totali permissibbli) u l-kwoti jew ir-regolazzjoni tal-isforz ta' riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin regolati mill-NPFC, li jiksbu r-rata ta' esplojtazzjoni tar-rendiment massimu sostenibbli. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd żejjed biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli;

(b) miżuri biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU) fiż-żona tal-Konvenzjoni, inkuż l-elenkar tal-bastimenti tas-sajd IUU;

(c) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żona tal-Konvenzjoni sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan l-NPFC;

(d) miżuri biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, inklużi miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-baħar u l-prevenzjoni tar-rimi tal-plastik fil-baħar u t-tnaqqis tal-impatt tal-plastik preżenti fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, miżuri protettivi għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni fi qbil mal-Konvenzjoni u l-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fl-Ibħra Fondi fil-Baħar Internazzjonali tad-29 ta' Awwissu 2008, u miżuri biex jiġi evitat u jitnaqqas kemm jista' jkun il-qbid mhux mixtieq, b'mod partikolari tal-ispeċijiet tal-baħar vulnerabbli, u biex gradwalment jiġi eliminat il-qbid skartat;

(e) miżuri biex jitnaqqas l-impatt ta' rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew inkella skartat fl-oċean u biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tali rkaptu;

(f) rakkomandazzjonijiet li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol fil-Qasam tas-Sajd tal-14 ta' Ġunju 2007, meta dan ikun xieraq u sa fejn jippermettu d-dokumenti kostitwenti rilevanti;

(g) miżuri li l-għan tagħhom huwa li jipprojbixxu s-sajd imwettaq biss bl-iskop tal-ġbir ta' pinnen tal-klieb il-baħar u, li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha li jitħattew l-art ikollhom kull pinna mwaħħla magħhom b'mod naturali;

(h) approċċi komuni ma' RFMOs oħra, fejn xieraq, u b'mod partikolari ma' dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess reġjun;

(i) ta' miżuri tekniċi oħrajn abbażi tal-pariri tal-korpi sussidjarji u tal-gruppi ta' ħidma tal-NPFC.

## ANNESS II

Speċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni li għandha tittieħed
f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana

Qabel kull laqgħa annwali tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC), meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni xjentifika reċenti u informazzjoni rilevanti oħra trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-NPFC, dokument bil-miktub li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni.

Jekk waqt laqgħa tal-NPFC, inkluż dik fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, sabiex tittieħed il-pożizzjoni f'isem l-Unjoni biex jitqiesu l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tkun referuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.